# Parroċċa Qalb Bla Tebgħa
# Ta' Marija
# Burmarrad

Tel: 21573045/ Fax:21578118   mob: 77622275
www. parroċċaburmarrad.com
email:kappillan@parroccaburmarrad.com

*LEĦEN IL-PARROĊĊA - Novembru 2013 - Nru. 370*



Għeżież,

Tlett mumenti li flimkien mal-Knisja Universali ser infakkru f'dan ix-xahar huma mportanti biex aħna bħala nsara naħsbu u nirriflettu fuqhom.

L-ewwel ħsieb huwa dak tal-Ewwel Jum tax-xahar fejn niċċelebraw il-Festa tal-Qaddisin kollha. Niċċelebrawha biex aħna mill-aħjar li nistgħu nippruvaw ngħixu l-virtujiet Insara skont l-eżempji tagħhom u biex nimitawhom f'ħajjitna. Tgħidilna wkoll il-Knisja f'dan il-Jum biex inqimuhom u hekk għandu jkun. Pero', mhux dawk biss li huma mniżżlin fil-Kalendarju Liturġiku tal-Knisja biss huma l-qaddisin, imma wkoll dawk ħutna li għexu u wettqu r-rieda t'Alla f'ħajjithom bl-eżempju u x-xhieda tagħhom.

It-tieni ħsieb huwa l-għada 2 ta' Novembru meta flimkien mal-Knisja niftakru f'ħutna l-mejtin li l-Mulej fil-Providenza u l-Imħabba tiegħu diġa' sejħilhom fi ħdanu. Mela huwa dmir tagħna li niftakru fihom, mhux biss fil-memorji u l-eżempji sbieħ li ħallewlna, imma fit-talb tagħna sabiex il-Mulej ikompli jagħtihom il-mistrieħ ta' dejjem.

It-tielet mument huwa propju lejn l-aħħar tax-xahar il-Ħadd 24, meta niċċelebraw is-Solennita' ta' Kristu Re u l-egħluq tas-Sena Liturġika u t-tmiem tas-Sena tal-Fidi mnedija mill-Papa Emeritu Benedittu XV1. Din is-sena ppruvajna ngħixu fil-prattika l-Kelma t'Alla u s-Sagramenti. Għalhekk il-Knisja dejjem għallmitna u se tibqa' tgħallimna l-mod kif Alla bagħat lil Ibnu Ġesu' Kristu biex jifdina, għax hu s-Salvatur u s-Sultan tagħna.

J'Alla lkoll kemm aħna bħala nsara li nagħmlu sehem minn din is-Saltna ta' Kristu Sultan, inkomplu ngħixu l-Fidi tagħna li ksibna, b'mod inpenjattiv u ġeneruż, fid-dawl tal-Kelma qaddisa tiegħu.

Tkunu mberkin!

P.Joseph Mamo ofm Conv.

# *L-Ittra ta' Nirvana*

*Li jkollok il-kanċer ma tantx fiha vantaġġi, għalkemm hemm xi ftit. Wieħed mill-vantaġġi huwa ċ-ċans li tgħid lil dawk li jħobbuk li tħobbhom u li inti grata tal-preżenza tagħhom f'ħajtek. Vantaġġ ieħor huwa t-tagħlima kbira li tieħu. Meta taffaċċja l-mewt, tħares lejn ħajtek b'mod differenti għal kollox. Ċerti affarijiet isiru ħafna mportanti, u oħrajn ma jibqgħu importanti xejn. Vantaġġ ieħor huwa li n-nies jibdew jagħtu kasek għax kull kelma li tgħid tista' tkun l-aħħar waħda. Allura jiena qbadt dawn it-tlett vantaġġi biex nużahom u nikteb din l-ittra lil dawk kollha li qegħdin hawn illum għax ħabbewni. Ittra ta' ringrazzjament u ftit pariri. U għax dawn huma verament l-aħħar kliem tiegħi, nittama li tagħtu kas!*

1. *Tistenniex li timrad biex tgħid lill-oħrajn li tħobbhom. U aħjar milli tgħidilhom, urihom. Qatta' l-ħin magħhom, iktbilhom nota żgħira, ixtrilhom xi rigal, tihom sorpriża, għannaqhom u bushom kemm tiflaħ u kun hemm dejjem għalihom.*

2. *Aħfer. Jekk xi ħadd weġġgħek, u dejjem se ssib li xi ħadd, anke jekk ma ddispjaciehx, aħfer xorta. Xi ħadd darba qalli li r-rabja fik hija qisek qed iżżomm f'idejk biċċa faħma tikwi lesta biex twaddabha lejn xi ħadd. Sadanittant huwa inti li qed taħraq idek. Insa. Ħalli kollox għaddej. Aħfer.*

3. *Tħallix ix-xogħol jirkbek. Iva, kollha kemm aħna għandna bżonn li naħdmu biex ngħixu, imma mhux kollha kemm aħna għandna bżonn li naħdmu żżejjed. Aħdem biex tgħix, mhux għix biex taħdem. Mhix worth it. U meta timrad tinduna kemm ma kien importanti xejn dak 'ir-rapport importanti' li kellek tagħmel....kemm dak il-kuntratt ma kien jiswa xejn.*

4. *Tpejjipx iżjed. M'hemm xejn tajjeb li nieħdu mit-tipjip..mard biss, nifs ħażin, swaba sofor u ġisem marid. Ieqaf. Illum. Xħin tħalli din il-knisja. Iġġibx aktar skużi.*

5. *Ħobb lilek innifsek. Itma' lil ġismek ikel tajjeb. Agħmel l-eżerċizzju. Sib il-ħin li tagħmel affarijiet li tħobb. Kuljum. Iddedika mqar għoxrin minuta lilek innifsek kuljum. Agħmel tazza te', għolli saqajk, aqra xi ktieb, ħu banju rilassanti, oħroġ fil-ġnien, mur mixja, qatta' ħin mal-pets. Għoxrin minuta kuljum mhumiex ħafna.*

6. *Tinkwetax lilek innifsek. Iva tista' tagħmilha. Tinkwetax iżżejjed bil-problemi tal-ħajja. Qabel ma mradt, jien għaddejt minn żmien twil ta'*

*nkwiet kbir. Jiena ċerta li dan l-istress għen biex ġiet fuqi l-marda. Mhux worth it. Jagħmlulek x'jagħmlulek, lilek jew lil familja tiegħek, tħalliehx jinkwetak. L-inkwiet ikompli jgħarraq is-sitwazzjoni.*

7. *Afda fl-istint tiegħek. Inti taf l-aħjar. Jekk tħoss li hemm xi ħaġa ħażina, għid lit-tabib jagħmel it-testijiet. Isserraħx rasek bl-opinjonijiet. Kieku għamilt hekk jien forsi ma kontx inkun qed nikteb din l-ittra u intom ma kontux tkunu hawn.*

8. *Ikkomunika m'Alla. Mhux meta jkollok bżonn ta' miraklu. Afda fih. Emmen fih. Emmen li anke jekk m'intix tifhem, l-univers miexi kif suppost. Alla għandu kollox taħt il-kontroll tiegħu.*

9. *Kun grat tal-grazzji ta' kuljum. Jien sirt aktar grata wara li ġiet fuqi l-marda...ħasra. Dejjem ngħid lit-tfal, il-ħajja mhux x'għandek, imma kemm tapprezza dak li għandek.*

*Lilkom il-ġenituri. M'hemm xejn li se tagħmlu f'din il-ħajja li hu iżjed importanti milli trabbi lil uliedek. Huma l-futur tiegħek. Poġġi dak it-telefon f'postu. Ibgħat dak il-messaġġ wara li jorqdu. Agħlaq il-laptop. Li tilgħab m'uliedek huwa aktar importanti milli tara dak l-imbarazz li kulħadd qiegħed jitfa' fuq Facebook. Gawdi lil uliedek kemm tista', tihom il-ħin, apprezza l-ġmiel tagħhom, tgħallem minnhom, agħmel memorji sbieħ magħhom. Dak li se jibqa' fl-aħħar. Għidilhom li huma speċjali u sbieħ u urihom li tħobbhom u li huma prezzjużi.*

*Dan huwa ftit għerf mingħand xi ħadd li tgħallmet ħafna fuq il-ħajja waqt li ġiet wiċċ'imb'wiċċ ma' mewtha.*

(Nirvana kompliet l-ittra billi għamlet xi ringrazzjamenti li dawk kollha li għenuha, fosthom il-familjari. Hija ħalliet din id-dinja biex tingħaqad mal-Mulej fil-Ħajja ta' Dejjem f'Ottubru 2013 fl-eta' ta' erbgħin sena.)

# ĦAJJA U ĦIDMA – Novembru 2013

**Il-Ġimgħa 1** **Jum is-Solennita' tal-Qaddisin Kollha.** L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar. Inġeddu l-konsagrazzjoni tagħna lil Qalb ta' Ġesu'. Fil-11.30am –Mill-lum jibda l-quddies fiċ-ċimiterju.

**Is-Sibt 2** **Jum il-Mejtin kollha.** L-Ewwel Sibt tax-xahar. Inġeddu l-konsagrazzjoni tagħna lil Qalb bla Tebgħa ta' Marija. Il-quddies fil-parroċċa jkun hekk: fil: 5.30am, 6.00am, 6.30am, 7.00am, 7.30am, 8.00am.

Bejn l-10.00am u 12.00pm tkun miftuħa l-librerija.

Fil-5.15pm tibda l-Adorazzjoni fil-Knisja.

Fis-6.15pm Konċelebrazzjoni mill-Komunita' Franġiskana bit-talba tal-Għasar u bis-sehem tal-Kor Parrokkjali.

**Il-Ħadd 3** Fl-4.00pm – Quddiesa u Tberik taċ-Ċimiterju. (Quddies fil-11am fiċ-Ċimiterju ma ssirx). F'każ ta' maltemp issir fil-Knisja ta' San Pawl il-Baħar. Il-quddiesa tas-6.15pm fil-parroċċa tagħna ssir l-istess.

**It-Tlieta 5** Fl-4.30pm – Laqgħa għall-ġenituri tat-Tfal tad-Duttrina fiċ-Ċentru Parrokkjali minn P.Thomas Calleja ofm.Conv. Il-laqgħa hi obbligatorja għall-ġenituri li t-tfal tagħhom se jagħmlu l-preċett u l-griżma s-sena d-dieħla.

Fis-6.15pm – Konċelebrazzjoni mill-Komunita' Franġiskana bit-Talba tal-Għasar u bis-sehem tal-Kor Parrokkjali Ħlewwa ta' Marija fejn infakkru l-Mejtin tal-Ordni Franġiskan kollu.

**L-Erbgħa 6** Fis-7.00pm It-Tieni Laqgħa dwar is-Sagrament tal-Qrar, immexxija minn P.Ġorġ Żammit filk-knisja. Kulħadd imħeġġeġ biex jattendi.

**Il-Ħamis 7** Fl-12.00pm Tluq minn fejn il-Knisja għall-adorazzjoni fis-Seminarju.

**Il-Ħadd 10** Fid-9.30am Il-Kumitat Festa ser joħroġ jiġbor bieb bieb b'risq il-Festa 2014. 10.30am Laqgħa tal-Gruppi Familji Nsara fiċ-Ċentru Parrokkjali. Min jixtieq jista' jattendi. Il-bieb miftuħ għal kulħadd.

**L-Erbgħa 13** Fis-7.00pm It-Tielet u l-aħħar Laqgħa dwar is-Sagrament tal-Qrar, immexxija minn P.Ġorġ Żammit fil-knisja. Kulħadd imħeġġeġ biex jattendi.

**Il-Ġimgħa 15** F'egħluq is-Sena tal-Fidi, il-Provinċja tagħna ser torganizza quddiesa fil-Grotta ta' San Pawl fir-Rabat. Inħeġġu biex nattendu għal din l-attivita'. Fil-5.00pm tluq minn ħdejn il-Knisja. Ħallu isimkom fis-sagristija. Tħallux għall-aħħar.

**Is-Sibt 23 u l-Ħadd 24** Ġabra speċjali b'risq il-Parroċċa.

**Il-Ħadd 24** **Solennita' ta' Kristu Re**. Tmiem is-Sena tal-Fidi. Wara nofs in-nhar issir ċelebrazzjoni Djoċesana fil-Knisja Arċipretali tal-Mosta.
Attivita' organizzata mill-Kunsill Lokali fil-Pjazza tal-Knisja bejn id-9.00am u s-2.30pm. 'Għasel Malti u Ikel Artiġjanat Malti.'

**It-Tlieta 26** Fil-5.15pm tibda l-Adorazzjoni tal-Ħniena Divina.
Fis-7.00pm Assemblea Parrokkjali b'Differenza fiċ-Ċentru Parrokkjali. Kulħadd jista' jattendi.

**L-Erbgħa 27** Wara l-quddiesa ssir il-Lectio Divina. Ejjew nattendu biex naqsmu flimkien il-Kelma t'Alla.

**Is-Sibt 30** Fis-7.30pm Pizza Buffet fiċ-Ċentru Parrokkjali, mtellgħa mill-Kumitat Festa. Prezz ta' 8euro. Ħallu isimkom fis-sagristija jew infurmaw lil xi membru tal-Kumitat.

***Assembleja Parrokkjali***
***It-Tlieta 26 ta' Novembru 2013***
***7.00pm – Ċentru Parrokkjali***
***Tema 'Il-Pastorali mal-Familja'***
***Kulħadd mistieden li jattendi***

# BUFFET Pizza Night

*Is-Sibt*

*30 ta' Novembru 2013*

**Ċentru Parrokkjali Sant'Antnin**

**7.30pm**



**Organiżżat mill-Kumitat Festa, Qalb Bla Tebgħa ta' Marija, Burmarrad**

# € 8

**Biljetti: 99457234 / 99257257**

# Tajjeb Tkun Taf

❒ Dawn huma ħutna li għaddew għall-Ħajja ta' Dejjem mit-30 ta' Jannar 2012 sal-aħħar t'Ottubru 2013.

Renate Kinnell - 73 sena
Salvatore Gauci - 80 sena
Marija Bartolo - 90 sena

❒ Kuljum matul ix-xahar ta' Novembru fiċ-Ċimiterju tal-Parroċċa ssir quddiesa fil-11.30am. Il-Ħadd 3 ta' Novembru ma ssirx quddiesa fil-għodu, imma fl-4.00pm, fejn jiġu mbierka u nċensati l-oqbra li jinsabu fl-istess ċimiterju. F'każ ta' maltemp issir il-Quddiesa fil-Parroċċa ta' San Pawl il-Baħar. Fil-parroċċa tagħna xorta ssir il-quddiesa tas-6.15pm.

❒ Awguri lil Michael Grech, iben il-Parroċċa tagħna, li beda ż-żmien tal-Postulandat fil-Kunvent tal-Qawra. Nitolbu għalih.
Awguri Fra Christian Borg u Fra Joseph Formosa, żewġ studenti tal-Provinċja tagħna li nhar il-Ġimgħa 8 ta' Novembru ser jiġu ordnati Djakni fil-Parroċċa ta' Birżebbuġia.

❒ Infakkru biex tibgħatu l-lista tal-egħżież mejtin tagħkom għax mill-Ġimgħa 1 ta' Novembru u kull nhar ta' Ġimgħa tul dan ix-xahar kollu, il-quddies ser jiġi offrut għall-egħżież tagħkom fil-quddiesa ta' fil-għaxija.

❒ Mill-Festa ta' Kristu Re u ż-żmien tal-Avvent, ħdejn il-bibien tal-Knisja hemm il-qfief biex jinġabru oġġetti ta' preserves għall-familji fil-bżonn.

❒ Infakkru li kull nhar ta' Ġimgħa mis-7.00pm sal-10.30pm qed ikun miftuħ iċ-Ċentru Parrokkjali għaż-żgħażagħ ta' kull eta'. Dawk li għamlu l-Griżma din is-sena jistgħu ukoll jibdew jattendu. L-attivitajiet li qed jiġu organiżżati huma diversi. Ejjew! Kuraġġ! Għal aktar informazzjoni kkuntattja lil P.Ġorġ Buttiġieġ ofmConv fuq in-numru 21573045 jew mobile 99245138 jew FaceBook Fr George Ocar Buttiġieġ.

❒ Ser jerġa' jsir il-Breakfast wara l-Quddiesa ta' nofs il-lejl tal-Lejl tal-Milied fiċ-Ċentru Parrokkjali tagħna. Prezz 10 euro. F'Diċembru jiftaħ il-booking. Ħajjru lil xulxin biex tattendu. Tħallux għall-aħħar.